

32006D0685

L 282/44

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

13.10.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Ottubru 2006

li temenda l-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2003/634/KE li tapprova l-programmi bl-għan li jinkiseb l-istatus ta' żoni u stabbilimenti ta' akkwakultura approvati f'żoni li mhumiex approvati, b'rabta mas-settiċemija emorraġika tad-demm (VHS) u tan-nekrożi emapojetika infettiva (IHN) fil-ħut

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 4363)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/685/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

- (3) B'ittra li ġġib id-data tat-2 ta' Frar 2006, l-Italja applikat għall-approvazzjoni tal-programm li għandu jitħaddem fiż-żona Valle Sessera. L-applikazzjoni li ntbagħtet instabet li hija fi qbil ma' l-Artikolu 10 tad-Direttiva 91/67/KEE, u għalhekk il-programm għandu jkun approvat.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/67/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 li tikkonċerna l-kundizzjonijiet ta' saħħet l-annimali li tirregola t-tqegħid fis-suq ta' annimali u ta' prodotti ta' akkwakultura ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(2) tagħha,

- (4) B'ittra li ġġib id-data tal-21 ta' Frar 2006, l-Italja applikat għall-approvazzjoni tal-programm li għandu jitħaddem fiż-żona ta' Valle del torrente Bondo. L-applikazzjoni li ntbagħtet instabet li hija fi qbil ma' l-Artikolu 10 tad-Direttiva 91/67/KEE, u għalhekk il-programm għandu jiġi approvat.

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/634/KE ⁽²⁾ tapprova u tniżżel lista tal-programmi sottomessi minn diversi Stati Membri. Il-programmi huma maħsuba biex, wara li jkunu bdew il-proċeduri dwar żona, jew stabbiliment ta' akkwakultura li jkun f'żona li mhux approvata, Stat Membru jkun jista' jikseb l-istatus ta' żona approvata jew stabbiliment ta' akkwakultura approvat f'żona li mhix approvata, b'rabta ma' waħda mill-mardiet tal-ħut jew aktar tat-settiċemija emorraġika tad-demm (VHS) u tan-nekrożi emapojetika infettiva (IHN).

- (5) B'ittra li ġġib id-data tat-22 ta' Mejju 2006, l-Italja applikat għall-approvazzjoni tal-programm li għandu jitħaddem fiż-żona Fosso Melga. L-applikazzjoni li ntbagħtet instabet li hija fi qbil ma' l-Artikolu 10 tad-Direttiva 91/67/KEE, u għalhekk il-programm għandu jiġi approvat.

- (2) B'ittra li ġġib id-data tat-22 ta' Novembru 2005, l-Italja applikat għall-approvazzjoni tal-programm li għandu jitħaddem fiż-żona ta' Bacino del-torrente Taverone. L-applikazzjoni li ntbagħtet instabet li hija fi qbil ma' l-Artikolu 10 tad-Direttiva 91/67/KEE, u għalhekk għandha tkun approvata.

- (6) Il-programm applikabbli għat-territorju kollu ta' Ċipru ġie ffinalizzat. Għandu għalhekk jitħassar mill-Anness I għad-Deċiżjoni 2003/634/KE.

⁽¹⁾ ĠU L 46, 19.2.1991, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 220, 3.9.2003, p. 8. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2005/770/KE (ĠU L 291, 5.11.2005, p. 33).

- (7) Il-programm applikabbli għall-Azienda agricola Bassan Antonio fir-Reġjun tal-Veneto ġie ffinalizzat. Għandu għalhekk jitħassar mill-Anness II għad-Deċiżjoni 2003/634/KE.

(8) Id-Deċiżjoni 2003/634/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u Saħħet l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2003/634/KE hija emendata kif ġej:

1. L-Anness I jinbidel bit-test ta' l-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-Anness II jinbidel bit-test li hemm fl-Anness II għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar is-6 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membri tal-Kummissjoni

ANNEX I

"ANNEX I

PROGRAMMI SOTTOMESSI BL-GĦAN LI JINKISEB L-ISTATUS TA' ŻONA APPROVATA B'RABTA MA' WAĦDA MILL-MARDIET TAL-ĦUT JEW AKTAR TAL-VHS U L-IHN

1. ID-DANIMARKA

IL-PROGRAMMI SOTTOMESSI MID-DANIMARKA FIT-22 TA' MEJJU 1995 LI JKOPRU:

- Il-wesgħa ta' FISKEBÆK Å
- IL-PARTIJET KOLLHA TA' JUTLAND in-nofsinar u l-punent tal-wesgħat ta' Storåen, Karup å, Gudenåen and Grejs å
- Iż-żoni kollha tal-GZĠJER DANIŻI

2. IL-ĠERMANJA

IL-PROGRAMM SOTTOMESS MILL-ĠERMANJA FIL-25 TA' FRAR 1999 LI JKOPRI:

- Żona fil-wesgħa ta' l-ilma ta' 'OBERN NAGOLD'

3. L-ITALJA

3.1. IL-PROGRAMM SOTTOMESS MILL-ITALJA GĦALL-PROVINĊJA AWTONOMA TA' BOLZANO FIS-6 TA' OTTUBRU 2001 EMENDAT B'ITTRA TAS-27 TA' MARZU 2003, LI JKOPRI:

ZONA PROVINĊJA DI BOLZANO

- Iż-żona tinkludi l-wesgħa ta' l-ilma kollha fil-Provinċja ta' Bolzano.

Iż-żona tinkludi l-parti tan-naħa ta' fuq taż-ZONA VAL DELL'ADIGE jiġifieri l-wesgħa ta' l-ilma tax-xmara Adige mill-bidu taġġha fil-Provinċja ta' Bolzano sal-limiti tal-Provinċja ta' Trento.

(NB: Il-parti ta' isfel li jibqa' taż-ZONA VAL DELL'ADIGE hija koperta fil-programm approvat tal-Provinċja Awtonoma ta' Trento. Il-partijiet ta' naħa ta' fuq u ta' isfel ta' din iż-żona għandhom jitqiesu bħala unità epidemoloġika waħda.)

3.2. IL-PROGRAMMI SOTTOMESSI MILL-ITALJA GĦALL-PROVINĊJA AWTONOMA TA' TRENTO FIT-23 TA' DIĊEMBRU 1996 U FL-14 TA' LULJU 1997 LI JKOPRU:

ZONA VAL DI SOLE U VAL DI NON

- Il-wesgħa ta' l-ilma mill-għajn tax-xmara Noce sa l-ilqugħ ta' S.Giustina.

ZONA VAL DELL'ADIGE – il-parti ta' isfel

- Il-wesgħa ta' l-ilma tax-xmara Adige u l-għejjun taġġha li jinsabu fit-territorju tal-Provinċja Awtonoma ta' Trento, mit-tarf tal-Provinċja ta' Bolzano sa l-ilqugħ ta' Ala (l-impjant ta' l-enerġija idroelettrika).

(NB: Il-parti ta' fuq li jibqa' taż-ZONA VAL DELL'ADIGE hija koperta fil-programm approvat għall-Provinċja ta' Bolzano. Il-partijiet tan-naħa ta' fuq u ta' isfel ta' din iż-żona għandhom jitqiesu bħala unità epidemoloġika waħda.)

ZONA TORRENTE ARNÒ

- Il-wesgħa ta' l-ilma mill-bidu tax-xmajra Arnò għall-ilqugħ iktar 'l isfel, ħdejn il-ponta fejn ix-xmajra Arnò tferragħ fix-xmara Sarca.

ZONA VAL BANALE

- Il-wesgħa ta' l-ilma tax-xmajra Ambies sa l-ilqugħ idroelettriku.

ZONA VARONE

- Il-wesgħa ta' l-ilma mill-bidu tax-xmajra Magnone sal-kaskata

ZONA ALTO E BASSO CHIESE

- Il-wesgħa ta' l-ilma tax-xmara Chiese mill-bidu tagħha sa l-ilqugħ Condino, barra l-wesgħat tax-xmajra Adanà u Palvico.

ZONA TORRENTE PALVICO

- Il-wesgħa ta' l-ilma tax-xmajra Palvico sa l-ilqugħ tal-konkrit u tal-ġebla

3.3. IL-PROGRAMM SOTTOMESS MILL-ITALJA GħAR-REĠĠJUN TAL-VENETO FIL-21 TA' FRAR 2001 LI JKOPRI:

IŻ-ZONA TORRENTE ASTICO

- Il-wesgħa ta' l-ilma tax-xmara Astico, mill-bidu tagħha (fil-Provinċja Awtonoma ta' Trento u fil-Provinċja ta' Vicenza, ir-Regġun tal-Veneto) sa l-ilqugħ li jinsab qrib il-pont Pedescala fil-Provinċja ta' Vicenza.

Il-parti ta' isfel tax-xmara Astico, bejn l-ilqugħ qrib il-pont Pedescala u l-ilqugħ ta' Pria Maglio, għandha titqies bħala żona ta' protezzjoni.

3.4. IL-PROGRAMM SOTTOMESS MILL-ITALJA GħAR-REĠĠJUN TA' L-UMBRIA FL-20 TA' FRAR 2002 LI JKOPRI:

ZONA FOSSO DE MONTERIVOSO: Il-wesgħa ta' l-ilma tax-xmara Monterivoso, mill-bidu tagħha sa l-ilqugħ ta' Ferentillo.

3.5. IL-PROGRAMM SOTTOMESS MILL-ITALJA GħAR-REĠĠJUN TAL-LOMBARDIJA FIT-23 TA' DIĊEMBRU LI JKOPRI:

IŻ-ZONA VALLE DE TORRENTE VENINA:

- Il-wesgħa ta' l-ilma tax-xmara Vjenna mill-bidu tagħha sal-limiti li ġejjin:
- fil-Punent: il-wied ta' Livrio
- fin-Nofsinhar: L-Alpi Orobie mill-Passaġġ ta' Publino sal-Quċċata ta' Redorta
- Il-widien ta' Armisa (in-naħa tal-Lvant) u Armisola

3.6. IL-PROGRAMM SOTTOMESS MILL-ITALJA GħAR-REĠĠJUN TAT-TOSKANA FIT-23 TA' SETTEMBRU 2004 LI JKOPRI:

IŻ-ZONA VALLE DI TOSI:

- Il-wesgħa ta' l-ilma tax-xmara Vicano di S. Ellero mill-bidu tagħha sa l-ilqugħ f'Il Greto ħdejn ir-raħal ta' Raggioli

3.7. IL-PROGRAMM SOTTOMESS MILL-ITALJA GħAR-REĠĠJUN TAT-TOSKANA FIT-22 TA' NOVEMBRU 2005 LI JKOPRI:

IL-BACINO DEL TORRENTE TAVERONE:

- Il-wesgħa ta' l-ilma tax-xmara Taverone, mill-bidu tagħha sa l-ilqugħ 'l isfel mill-istabbiliment ta' l-akkwakultura 'Il-Giardino'

3.8. IL-PROGRAMM SOTTOMESS MILL-ITALJA GĦAR-REĠJUN TAL-PIEMONTE FIT-2 TA' FRAR 2006 LI JKOPRI:

IŻ-ZONA VALLE SESSERA:

— Il-wesgħa ta' l-ilma tax-xmara Sessera mill-bidu tagħha sa' l-ilqugħ 'Ponte Granero' filo-muniċipalità ta' Coggiola

3.9. IL-PROGRAMM SOTTOMESS MILL-ITALJA GĦAR-REĠJUN TAL-LOMBARDIA FIL-21 TA' FRAR 2006 LI JKOPRI:

IŻ-ZONA VALLE DEL TORRENTE BONDO:

— Il-wesgħa ta' l-ilma tax-xmara Bondo, mill-bidu tagħha sa l-ilqugħ ta' Vesio

3.10. IL-PROGRAMM SOTTOMESS MILL-ITALJA GĦAR-REĠJUN TAL-LOMBARDIA FIT-22 TA' MEJJU 2006 LI JKOPRI:

IŻ-ZONA FOSSO MELGA – BAGOLINO:

— Il-wesgħa ta' l-ilma tax-xmara Fosso Melga mill-bidu tagħha sa l-ilqugħ fejn Fosso Melga titbattal fix-xmara Caffaro

4. *IL-FINLANDJA*

4.1. IL-PROGRAMM GĦALL-HELSEN MILL-VHS ⁽¹⁾ INKLUŻI MIŻURI TA' QERDA SOTTOMESSI MILL-FINLANDJA FID-29 TA' MEJJU 1995, KIF EMENDAT BL-ITTRI TAS-27 TA' MARZU U TA' L-4 TA' ĠUNJU 2002, TAT-12 TA' MARZU, TAT-12 TA' ĠUNJU, TA' L-20 TA' OTTURBRU 2003 U TAS-17 TA' MEJJU 2005 LI JKOPRI:

- Iż-żoni tal-kosta kollha tal-FINLANDJA b'miżuri speċjali ta' qerda fi:
 - il-Provinċja ta' Åland
 - iż-żona ta' restrizzjoni f'Pyhtää
 - Iż-żona ta' restrizzjoni li tkopri l-ibliet ta' Uusikaupunki, Pyhäranta u Rauma

⁽¹⁾ Il-programm ġie fi tmiemu bid-Deċizzjoni 2005/770/KE f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-IHN, li għalih inkiseb l-istatus ta' żona approvata."

ANNEX II

“ANNEX II

PROGRAMMI SOTTOMESSI BL-GĦAN LI JINKISEB L-ISTATUS TA' STABILIMENTI TA' AKKWAKULTURA APPROVATI F'ŻONI LI MHUMIEX APPROVATI B'RABTA MA' WAĦDA MILL-MARDIET TAL-ĦUT JEW AKTAR TAL-VHS U L-IHN

1. *L-ITALJA*

1.1. IL-PROGRAMM SOTTOMESS MILL-ITALJA GĦALL-PROVINĊJA TA' UDINE FIR-REĠJUN TAL-FRIULI VENEZIA GIULIA, FIT-2 TA' MEJJU 2000 LI JKOPRI:

Stabilimenti ta' akkwakultura fil-wesgħa ta' l-ilma tax-xmara Tagliamento:

— Azienda Vidotti Giulio s.n.c., Sutrio”
